# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 7 ta' Frar, 2001.**

**Kawza Nru. 28.**
**Citazz. Nru. 2050/00 JRM**

**RITE MIX (GATT BROS) LIMITED**

**vs**

**Joe VELLA.**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn sitt mija u sbatax-il lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm2617.51) liema somma hija dovuta skond l-annessi invoices (Dok. A) ghal konsenja ta' konkos lill-konvenut liema konsenja giet debitament accettata minnu;

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula lill-konvenut sabiex jaffettwa l-hlas relattiv, dan baqa' inadempjenti;

Illi l-ammont dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici, hu cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta' attrici, l-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni x'jissolleva kontra l-pagament ta' l-istess;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Artikoli 167 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dispensa mis-smiegh tal-kawza peress li d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenut m'ghandhux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba ta' l-istess socjeta' attrici;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u in vista tal-affidavit guramentat hawn anness u mmarkat bhala Dok. "B":

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' elfejn sitt mija u sbatax-il lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm2617.51) liema somma hija dovuta skond l-annessi invoices (Dok. A) ghal konsenja ta' konkos lill-konvenut liema konsenja giet debitament accetata minnu oltre l-imghaxijiet ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) u dan bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Bl-ispejjez, u imghaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) per annum mid-dati ta' meta kienu dovuti l-flejjes fuq indikati rispettivament sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Rat il-verbal tal-Avukat tas-socjeta' attrici maghmul waqt is-smiegh;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' elfejn sitt mija u sbatax-il lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm2617.51) liema somma hija dovuta skond l-annessi invoices (Dok. A) ghal konsenja ta' konkos lill-konvenut liema konsenja giet debitament accettata minnu, u bl-ispejjez, u imghaxijiet ta' tmienja fil- mija (8%) per annum mid-dati ta' meta kienu dovuti l-flejjes fuq indikati rispettivament sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**7 ta' Frar, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**7 ta' Frar, 2001.**

*7 ta' Frar, 2001.*